## 5 ta' Frar, 1955

## Imħallef:
## Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Salvu Psaila

### Sentenza — Nullità — Piena — Appell — Akkwijexxenza

*Bil-prolazzjoni tas-sentenza definittiva, il-Qorti deċidenti tkun "functa officio"; u għalhekk, wara li l-Qorti tkun ippronunzjat is-sentenza u irrogat il-piena, ma jistax l-imputat jerġa' jissejjaħ fl-isbarra u tiġi miżjuda l-pronunzja ta' piena oħra kontra tiegħu. Għal dak li jirrigwarda dik il-piena addizzjonali, is-sentenza tkun nulla.*

*U dan ma hux każ fejn il-Qorti tannulla s-sentenza appellata u tipproċedi hija stess għad-deċiżjoni tal-każ; għax fil-fatt in-nullità tikkolpixxi l-piena biss; u anki għaliex fl-appell tal-imputat il-Qorti ma tistax iżżid il-piena wara li bid-dikjarazzjoni tan-nullità tal-piena addizzjonali tkun illimitat il-kundanna għall-piena mogħtija fl-ewwel lok.*

*Ma jistax ikun hemm akkwijexxenza għal piena nullament mogħtija. Dan hu prinċipju ta' ordni publiku, li ma hux rinunzjabbli;*

*għax una volta pronunzjata s-sentenza, il-Qorti ma għandhiex aktar ġurisdizzjoni fuq il-każ.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni tal-Pulizija kontra l-imputat quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, talli Bormla, fit-8 ta' Diċembru, 1954, f'xi s-7.30 p.m., waqt li kien f'ħanut tax-xorb, sawwat lil Joseph Ellul u tkellem faħxi u oxxen; barra minn dan, għedded u ħebb għal membri tal-Pulizija waqt li kienu jaqdu dmirhom;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-29 ta' Diċembru, 1954, li biha sabet l-imputat ħati u kkundannatu £1 multa u £5 ammenda;

Rat ir-rikors li bih l-imputat talab li din il-Qorti tiddikjara nulla u bla effett is-sentenza fuq imsemmija in kwantu tirrigwarda l-piena tal-ammenda ta' £5 li għaliha ġie kundannat l-imputat, u li konsegwentement dan jiġi liberat mill-imputazzjonijiet relattivi;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Deher mill-provi li "wara" li kienet ġiet pronunzjata s-sentenza u irrogata l-piena ta' £1 multa, l-imputat reġa' ġie msejjaħ fl-isbarra, u ġiet miżjuda l-pronunzja ta' piena oħra ta' £5 ammenda;

Dwar dawn il-fatti ma hemmx kontestazzjoni;

Ma hemmx bżonn li jiġi elaborat il-prinċipju li, bil-prolazzjoni tas-sentenza definittiva, il-Qorti deċidenti tkun "functa officio"; u kien b'riferenza għal dan il-prinċipju li fil-"gergo" legali jingħad "Roma locuta est";

It-tieni piena ta' £5 ammenda kienet għalhekk nullament irrogata;

Dan ma hux il-każ li fih din il-Qorti tannulla s-sentenza appellata, u tipproċedi hi stess għad-deċiżjoni tal-każ, għax fil-fatt in-nullità tikkolpixxi l-piena biss, u anki għax, peress li l-appell hu tal-imputat, din il-Qorti, b'liġi (art. 440(1) Kap. 12), ma tistax iżżid il-piena wara li bid-dikjarazzjoni tan-nullità tal-piena ta' £5 ammenda tkun illimitat il-piena għal £1 multa. Kwantu għall-pretiża akkwijexxenza tal-imputat, ma jistax ikun hemm akkwijexxenza għal piena nullament mogħtija; u barra minn hekk, fih si tratta ta' prinċipju ta' ordni publiku, li ma hux rinunzjabbli, għax, una

volta pronunzjata s-sentenza, il-Qorti ma kellhiex aktar ġurisdizzjoni fuq il-każ;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi laqgħet l-appell, fis-sens li ddikjarat irrita u nulla dik il-parti tas-sentenza li fiha ġiet aġġunta l-piena tal-ammenda ta' £5, li għandha titqies bħala mhix inflitta.